# Bla flus, la tgħannaq u lanqas tbus…!

## Sekwenza ta' stampi




## A. Iddiskuti l-iżvilupp tal-istorja f'dawn l-istampi.

Min huma l-protagonisti?

X'inhi r-relazzjoni ta' bejniethom?

F'liema żmien tas-sena qegħdin?

X'qed jagħmlu?

Għaliex ma setgħux ikomplu jixtru?

Imbagħad x'għamlu?

Minn fejn ippruvaw iġibu l-flus?

X'kienet is-sorpriża?

Għaliex taħseb li ġara hekk?

Ta' min kien it-tort?

Kif ħassewhom wara?

Kif taħseb li żvolġiet is-sitwazzjoni?

## B. Il-pjan għall-kitba. Aħseb kif tista' tqassam l-ideat f'dan il-pjan.




## Ċ. Qwiel: ikteb in-numru tal-qawl ħdejn it-tifsira tiegħu.

| | Qawl | | Tifsira |
|---|---|---|---|
| 1. | Tieħu bla ma trodd is-swar tħott. | | Huwa aktar faċli li tislef il-flus milli ddaħħal lura dak li tkun slift. |
| 2. | Bil-flus tagħmel triq fil-baħar. | | Min għandu l-flus jinvestihom u jaqla' aktar waqt li min hu fqir ikompli jiftaqar. |
| 3. | Is-self joħroġ jidħak u jidħol jibki. | | Min iberbaq il-flus jiddispjaċih għax meta jfittixhom ma jsibhomx. |
| 4. | Il-flus ma jsirux bix-xejn. | | Bil-flus tikseb il-poter u tagħmel l-impossibbli. |
| 5. | Il-flus meta tiġi bżonnhom tkun taf kemm jiswew. | | Il-flus trid tbati għalihom. |
| 6. | Il-flus jagħmlu l-flus u l-qamel jagħmlu l-qamel. | | Il-flus għal din id-dinja biss jiswew; fid-dinja l-oħra kulħadd l-istess. |
| 7. | Bil-flus ħadd ma jixtri l-ġenna. | | Trid tfaddal biex l-affarijiet iservuk għal meta tiġi bżonnhom. |

## D. Ikteb komponiment bit-titlu *Bla flus la tgħannaq u lanqas tbus...!*, li jirrifletti s-sekwenza stampi u skont il-pjan li ħejjejt f'eżerċizzju B.